**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 4 ta' Dicembru 2001**

**Numru 11**

**Avviz numru 457/01**

**Atlas Insurance Agency Ltd. u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC ga' Guardian Royal Exchange, PLC, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Julian Shelley u Julian Shelley f'ismu proprju**

**vs**

**Trevor Carabott u Manwela Borg**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' Lm459 (erba mija u disa u hamsin lira Maltin) danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura HAP 142 assikurata comprehensive hlief ghall-hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) excess u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Julian Shelley u dan b'rizultat ta' habta li grat fis-17 ta' Dicembru 2000, go Paola, waqt li l-konvenuti jew min minnhom kienu qed isuqu

l-vetturi LAC 281 u LAE 639 rispettivament habtu mal-vettura HAP 142 ta' Julian Shelley u misjuqa minnu u ghal liema incident il-konvenuti jew min minnhom kienu responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' April 2001, u bl-imghax tat-8% fuq Lm459 mis-26 ta' April, 2001 sal-hlas effettiv u bl-ispejjez tal-ittri ufficjali prezentati fit-3 ta' Lulju 2001 kontra Gasan Mamo Insurance Agency Ltd. u Fogg Insurance Agencies Ltd, assiguaraturi tal-konvenuti u nkluz Lm10 konsult, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni, liema zewg ittri ufficjali prezentati fit-3 ta' Lulju 2001, huma rikjesti mill-ligi.

Ra n-nota ta' ammissjoni tal-konvenuta Manwela Borg.

Ra n-nota ta' rinunzja fil-konfront tal-konvenut Carabott.

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta Manwela Borg thallas s-somma komplessiva ta' Lm459 (erba mija u disa u hamsin lira Maltin) danni mhallsa mill-attur nomine. Bl-ispejjes.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**